IL-BIRGU


**Kunsill Lokali Birgu**

Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166

e-mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt


Minuti tal-Laqgha 13(07)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghall-Laqgha Numru 13 (07) fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill fil-Berga ta' Franza nhar it-Tlieta, 9 ta' Frar, 2016 fil-hamsa u kwart ta' wara nofsinhar (5:15pm).

It-Tlettax (13) il-Laqgha tas-Sebgha Kunsill inzammet b'din l-Agenda :

- Approvazzjoni tal-Financial Statements ghas-Sena 2015
- Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 12(7)
- Korrispondenza
- Ir-Referendum dwar il-Bini mill-Gdid tat-Torri tal-Arlogg
- Informazzjoni dwar il-Konferenza tal-Progett WELCOME
- Harga Kulturali Organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Birgu
- Post ulterjuri ghall-Arikvji tal-Kunsill Lokali tal-Birgu
- Performance Bonus Appraisal tal-Impjegati tal-Kunsill ghas-Sena 2015
- Skeda ta' Pagamenti

Prezenti

Is-Sindku, is-Sur John Boxall, Il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard, Il-Kunsillier, is-Sur Anton Gellel, Il-Kunsillier Eman Zerafa Is-Segretarju Ezekuttiv, Is-Sinjura Tania Belfiore.

Skuzat

Il-Vici-Sindku, is-Sur Trevor Mizzi, ghax kien imsiefer.

Attendiet ghall-ewwel parti tal-laqgha s-Sjra Marcon Cumbo, mill-kumpanija tal-accountants Nexia BT.

## Talba

Is- Sindku qal it-talba u taha bidu ghall- Laqgha numru 13(07).

1. Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ghas-Sena 2015

Is-Sindku is-Sur John Boxall ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, ir-Rapport Finanzjarju ghas-Sena 2015.

Is-Sindku s-Sur John Boxall stieden lir-rapprezentanta tal-kumpanija Nexia BT, accountants tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, sabiex taghti spjegazzjoni tal-kontenut tar-rapport u staqsieha wkoll kienx hemm titjib fil-qaghda finanzjarja tal-Kunsill mis-sena 2014 il' hawn.

Is-Sjra Marcon Cumbo, rapprezentanta tal-kumpanija Nexia BT tat spjegazzjoni dettaljata kif matul is-sena 2015 il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill Lokali tal-Birgu tjiebet hafna meta mqabbla mas-sena precidenti .

Wara li temmmet l-ispjegazzjoni taghha u wiegbet ghal diversi mistoqsijiet maghmula mill-membri tal-Kunsill, ir-rapprezentanta tal-kumpanija Nexia BT halliet il-kamra

Wara diskussjoni dwar din is-sitwazzjoni, is-Sindku s-Sur John Boxall ippropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju minn Jannar sa Dicembru 2015.

Ir-Rapport Finanzjarju ghas-Sena 2015 gie approvat unanimament minn dawk prezenti.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha 12 (7)

Il-Minuti tat-Tnax (12) il-Laqgha tas-Sebgha Kunsill li gew iccirkulati mis-Segretarju Ezekuttiv qabel il-Laqgha numru 13, gew approvati b'mod unanimu.

3. Arising

3.1 Spunt Dwar il-Konferenza 'The Most Beautiful Villages in the Mediterranean' li saret f'Cisterino bejn is-16 u it-18 ta' Novembru, 2015 – Is-Sindku talab lill-Kunsillier Attard sabiex jitlob informazzjoni minghand Lara Mascena fuq x'kien qieghed isehh.

3.2 Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precident dwar il-Progett Let Us Not Forget (LUNF) – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar jaf li l-Kunsill tal-Isla kien ser itella' nies minn barra l-Kunsill ghall-konferenza li ser ssir barra minn Malta. Il-Kunsillier Attard informa lis-Sindku li dawk il-persuni li semma' is-Sindku ser jitilghu bi spejjez taghhom u li hemm imnizzel fil-programm li kull kunsill jista' jtella' nies ghal dawn il-konferenza, bl-ispejjez ikunu mhallsa mill-individwu.

3.3 Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar In-Nominazzjoni tal-Premju Zaghzugh/a tas-Sena 2015 tal-Kerygma - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kien ser jakkumpanja lis-Sjra Nikita Mizzi ghal din ic-cerimonja.

3.4 Spunt mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar Korrispondenza minghand Gracie Fenech Supervisor (Regjun tal-Port) rigward transport ghall-anzjani – Wara li gie diskuss dan is-suggett, intlahaq qbil li l-Kunsill javza lid-Day Centre tal-Anzjani sabiex meta jkun hemm bzonn ta' transport ghall-anzjani tal-Birgu, l-istess centru javza lill-Kunsill sabiex isiru l-arrangamenti mehtiega.

3.5 Spunti mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar Taghrif dwar Fondi - Progetti tal-Unjoni Ewropeja - Wara li dan is-suggett gie diskuss, gie deciz b'mod unanimu li nitolbu laqgha mas-Sur Michael Cohen f'liema laqgha tattendi wkoll ~Lara Mascena li ser tkun ser tiehu f'idejha l-progetti.

Minn din id-diskussjoni, is-Sindku ha spunt fejn informa lil-Kunsill li huwa ltaqa' informalment mas-Sur Johnny Zerafa, Head of Secretariat tas-Seg. Parlamentari ghall-Anzjani fejn is-Sindku spjegalu fid-dettal x'kien qieghed isehh fil-Berga tal-Ingilterra, cioe' x-xogholijet kollha li sa issa gew kompluti, liema xoghlijiet huma ga mhallsa mic-cifra ta' €65,000 li naghtat lill-Kunsill sabiex tigi rinovata din il-binja, dawk ix-xoghlijiet li ghad iridu jigu kompluti, kif ukoll li s-somma ta' €65,000 ma hijiex ser tkun bizzejjed biex jigi komplut dan il-progett. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-Sur Zerafa deher sodisfattt hafna bix-xoghol li qed isir u li s-Sur Zerafa ippropona li ssir laqgha ms-Sindku fejn jigi diskuss x-xoghol pendenti li ghadu jrid isir u l-ispejjez involuti.

3.6 <u>Spunti mid-diskussjoni li saret fil-laqgha precidenti dwar ATTIVITAJIET GHAL MATUL IS-SENA 2016</u> – Wara li gie diskuss is-Sotto Kumitat tal-Birgufest 2016, intlahaq ftehim unanimu li l-ewwel laqgha ta' dan is-sotto kumitat issir il-Gimgha 19 ta' Frar, 2016 fis-6:30pm, u li tintbaghat notifika ta' din il-laqgha lil kull min gie nominat biex iservi f'dan is-sotto kumitat.

3.7 <u>Spunt mehud minn Korrispondenza li nqrat fil-laqgha precidenti bejn id-DLG u l-Kunsill rigward installazzjoni ta' zewg Wifi Access Points ohra fil-Birgu</u> – Ingibdet l-attenzjoni li l-wifi point li hemm mal-kazi tal-Partit Laburista hu mixghul pero' mhux qed jiffunzjona. Is-Sindku talab lis-Seg. Ezekuttiv sabiex ticcekkja x'kienet ir-raguni u li tara li din il-problema tissolva.

3.8 <u>Spunt minn korrispondenza li giet moqrija fil-laqgha precidenti rigward laqgha mitluba mill-Onor Stefan Buontempo mas-Sindku</u> - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-laqgha li huwa kellu mal-Onor. Buontempo huwa talab ghajnuna finanzjarja u talab ukoll li jsiru arrangamenti sabiex il-Kunsill jinghata mir-Restoration Unit, makkinarju li hu simili ta' *sweeper* li jaqla' materjal bhal chewing gum u zejt minn mal-art. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntbaghtat korrispondenza lis-Seg. Parlamentari Stefan Buontempo rigward ix-xoghlijiet li ghad iridu jsir fil-Berga ta' Franza u l-ispejjez involuti.

3.9 Posta elettronika mid-DLG fejn il-Kunsill gie nfurmat bl-allokazzjoni ghas-Sena 2016 – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu fazzjoni billi hu kiteb lid-DLG, lis-Seg. Parlamentari ghall-Gvern Lokali kif ukoll lill-Ministru Owen Bonnici sabiex ighidilhom li ghalkemm s-somma allokata ghas-sena 2016 zdiedet, din ma kienetx bizzejjed ghal htigijiet tal-Kunsill.

3.10 Korrispondenza elettronika mis-Sindku f'isem il-Kunsill lis-Sur Osvaldo Pace fejn qieghed jitolbu taghrif rigward il-Progett ghaz-zona Glazir u li fuqu kien gie ffirmat MoU mal-Kunsill Konsultattiv ghan-Nofsinhar ta' Malta – Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xoghol tal-progett fiz-zona tal-Glazir miexi.

3.11 Korrispondenza mibghuta lis-Segretarju Parlamentari Chris Fearne – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li reċenti laqgha li kellu mad-Direttur tas-Sahha, intlahaq qbil li z-zewgt ikmamar laterali li jinsabu fis-sular t'isfel fil-Berga tal-Ingilterra jkunu rinovati bl-ghamara bkollox mis-Segretarjat tas-Sahha. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kontijiet tad-dawl kien ser jibda' jithallsu mill-kunsill.

3.12 Hatra tal-Bord Ghall-Ghazla ta' Skrivana Full time Skala 15 – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li erbgha persuni attendew ghall-intervista ghall-post ta' skrivan fi hdan il-Kunsill. Il-Bord tal-Intervista wasal ghad-deċizjoni unanima li l-persuna l-aktar addatata ghal din il-pozizzjoni hi s-Sjra Anne Marie Parsons. Il-membri kollha prezenti tal-Kunsill qablu unanimament li jaccettaw il-parir tal-Bord tal-Intervista u li din il-pozizzjoni tinghata lis-Sjra Anne Marie Parsons.

3.13 It-Turisti fil-Birgu – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet saret korrispondenza kif ukoll hu personalment kien iddiskuta mal-Ministru tat-Turizmu prezenti l-problema li t-turisti li jzuru l-Birgu ma jinghatawx hin liberu sabiex ikunu jistghu jieqfu jieklu u jzuru l-istabbilimenti tal-lokal.

Intant, il-Kunsillier Zerafa lmenta li qieghed ikun hemm traskuragni mill-haddiema tal-kuntrattur tal-gbir tal-iskart domestiku. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu konxju ta' din il-

problema u li huwa ta' kuljum qieghed jigbed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dawn in-nuqqasijiet.

Is-Seg. Ezekuttiv poggiet fuq il-mejda kwotazzjonijiet ta' dusbins hekk kif gie mitlub minnha fil-laqgha precidenti. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li minnflok jinxtraw dustbins godda, jigu rinovati dawk ezistenti.

Rigward Triq il-Kwartier, Triq it-Torri ta' San Gwann u Triq Hilda Tabone li ghandhom bzonn attenzjoni ghaliex l-art giet tizloq hafna u hemm cans li jkun hemm xi incident ikrah, is-Sindku informa l-Kunsill li huwa ddiskuta din il-problema mal-Perit Mario Ellul.

4. <u>Korrispondenza</u>

4.1 Korrispondenza mid-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern rigward il-kont tad-dawl u l-ilma tal-Berga ta' Franza fejn l-istees dipartiment qieghed jitlob sabiex il-Kunsill ihallas is-somma ta' €11,967.06 - Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa lill-Kunsill li giet ffissata laqgha mad-Dipartiment tal-Propjeta' tal-Gvern sabiex tinstab soluzzjoni ghal din il-kwestjoni.

4.2 Sensiela ta' korrispondenza elettronika fejn il-Kunsill qieghed jigi mistieden f progett Erasmus + gewwa Villafranca Taormina - Is-Sindku informa lill-Kunsill li dan il-progett jolqot l-aktar liz-zaghzagh

4.3 Wirja ta' interess mill-Kunsill sabiex jissieheb fi-progett Europe for Citizens Networks of Towns on Cooperative Communes (ALDA)

4.4 Wirja ta' interess mill-Kunsill sabiex jissieheb fi-progett Europe for Citizens Networks of Towns New Local Governance Models (ALDA)

4.5 Korrispondenza minn naha tal-Kunsill fejn intwera l-interess sabiex jissieheb fil-Progett 'Youth Care,Youth Make Impact@ (ALDA)

4.6 Is-Sindku pogga fuq il-mejda id-disinn u l-kwotazzjoni ghal jotters tal-kunsill minghand Veritas Press – Is-Sindku informa lill-Kunsill li dan il-materjal ser jintuza fil-konferenza tal-progett WELCOME li ser issir f'Mejju 2016. Il-prezz ikkowtat li huwa ta' €343.20, gie approvat b'mod unanimu mill-membri kollha prezenti tal-Kunsill.

4.7 Is-Sindku pogga fuq il-mejda ritratti ta' sinjali turistici li twettqu ghall-Kunsill tal-Belt mill-kumpanija Cast Iron Products baghtet lill-Kunsill.

4.8 Korrispondenza lis-Sinjura Vella Scicluna fejn qeghda tingibdilha l-attenzjoni sabiex fil-futur tindikha ezattament fejn jinstab ic-Centru tar-Rizorsi fil-Kottonera, cioe' fil-Birgu.

4.9 Risposta mill-Kunsill lill-Perit Audrey Testaferrata Denoto wara li din talbet lill-Kunsill il-kummenti tieghu rigward korrispondenza minghand is-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar it-Transport Pubbliku fil-Birgu u l-Parkegg fil-Pjazza – Ir-risposta lill-Perit Testaferrata Denoto kienet giet mibghuta qabel ma ltaqa' il-kunsill.

4.10 Notifika minghand il-MEPA dwar decizjoni li ttiehdet a' favur ts-Sur Micahel Darmanin, sid l-Old City Pub, fi Triq San Lawrenz – Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li kopja ta' din in-notifika ntbaghtet lilhom permezz ta' imejl.

4.11 Kopja ta' Screening Letter mahruga mill-MEPA rigward il-proposta li l-Palazz tal-Isqof fi Triq il-Palazz tal-Isqof jinbidel f'boutique Hotel.

4.12 Is-Sindku pogga fuq il-mejda Draft tad-disinn li hemm il-hsieb li jigi pprintjat fuq il-basktijiet li ser jinghataw lill-partipanti tal-progett WELCOME meta ssir il-konferenza lokalment. Huwa nforma lill-Kunsill li l-bqija tal-basktijiet li mhux ser jintuzaw ghal knferenza, ser isir uzu minnhom f'okkazzjonijiet simili fil-futur.

4.13 Notifika mid-DLG rigward il-Korsijiet tal-Longlife Learning 2016 gewwa l-lokalitajiet kollha ta' Malta - Gie deciz b'mod unanimu li l-Kunsill japplika biex isiru korsijiet bazici tal-Malti u Ingliz gewwa Couvre Porte.

4.14 Talba minn naha tal-Kunsill lis-Sur Martin Morana sabiex tinghata ghajnuna biex jitella' *reanactment* f'attivita' kulturali ghat-tfal fil-Foss tal-Birgu nhar is-Sibt 27 ta' Frar, 2015 – Wara li gie diskuss dan is-suggett, Il-Kunsill qabel unanimament ma' din it-talba.

4.15 Korrispondenza mill-MEPA fejn il-Kunsill gie infurmat li s-somma tal-Urban Improvement Fund (UIF) ghall-lokalita' tal-Birgu hi ta' €20,848.40 – Is-Sindku ha spunt u nforma lill-Kunsill li ghandha ssir laqgha mal-kumpanija Alf. Mizzi & Sons dwar il-progett ghat-tisbieh tal-bandli. Huwa nforma lill-Kunsill ukoll li ghandu l-hsieb li l-bozoz kollha li hemm fuq Tal-Hawli jinbidlu kollha ghal SMDs. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel b'mod unanimu. Is-Sindku ha spunt iehor mid-diskussjoni fejn pogga fuq il-mejda ritratt ta' numru tad-dar li huwa qieghed jipproponi li jitwahhal ma' kull residenza fil-birgu bi prezz issussidjat mill-kunsill, tali somma ta' flus hi donazzjoni. Wara li giet diskussa din il-materja, il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabel unanimament li n-numri tad-djar isiru.

4.16 Korrispondenza minghand Rose Marie Bugeja fejn ikkonfermat li ghandu jsir pagament ta' €1,200 lis-Sur Gaetan Gatt li kien baqa' ma thallasx meta kien ghamel tminn xhur community worker (LEAP) gewwa l-Kunsill Lokali tal-Birgu – Wara li saret diskussjoni fuq dan is-suggett, il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabel b'mod unanimu li jhallas is-somma msemmija aktar il fuq lis-Sur Gatt.

4.17 Korrispondenza lill-AVEC fejn gej moghtija l-informazzjoni dwar min hi l-persuna ta' kuntatt minn naha tal-Kunsill ghal din l-assocjazzjoni – Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara r-rizenja ta' Moira Azzopardi, huwa nforma lill-assocjazzjoni AVEC li l-*contact person* minn naha tal-Kunsill hija s-Sjra Ethel Zammit – Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li s-Sjra Ethel Zammit tkun il-*contact person* minn naha tal-Kunsill.

4.18 Korrispondenza minghand Cottonera Rehabilitation Committee fejn il-Kunsill gie nfurmat li l-laqgha li jmiss ser issir l-Erbgha 2 ta' Marzu, 2016 - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kemm il-darba l-agenda tal-laqgha tkun diga' lesta u l-Kunsill ma jigix involut fil-partcipazzjoni tad-decizjonijet li jittiehdu, huwa jhoss li m ghandux jattendi. Hu kompla

biex jghid li jekk xi membru tal-Kunsill ihoss li ghandu jattendi, dan jista' jaghmlu liberalment.

4.19 Talba minghand Alan Cassar sabiex jiffilmja parti mis-sensiela Klassi Ghalina - Wara diskussjoni dwar dan is-suggett, il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabel unanimament li jilqa' it-talba tas-Sur Cassar bil-kundizzjoni li jinkludi fil-credits tas-sensiela lill-Kunsill Lokali tal-Birgu.

4.20 Korrispondenza bejn il-Kunsill u l-Malta Artisan Market sabiex jorganizzaw suq artiggjanali f'Couvre Port fl 10 u l-11 ta Settembru,2016 - Wara li giet diskussa din it-talba, il-Kunsill Lokali tal-Birgu qabel b'mod unanimu li jilqa' din it-talba bil-kundizzjoni li tinghata donazzjoni ta' €100 ghal kull gurnata kif ukoll €50 ghall-konsum tal-elettriku

4.21 Korrispondenza lid-Direttur Norbert Gatt fejn dan gie nfurmat b'serq ta' bozoz LEDs u li hemm l-bzonn li jigu nstallati cameras gewwa l-Foss mill-aktar fis possibbli. Huwa nforma lis-Sur Gatt li meta gie mistoqsi mill-midja rigward apparat li jaghmel il-Foss accessibbli ghal persuni b'dizsbilita', it-twegiba tieghu kienet dik in inghatatlu mid-Direttorat, cioe' li l-apparat necessarju kien ser jigi installat fil-granet u l-gimghat li gejjin.

4.22 Accetazzjoni minn naha tal-Kunsill bhala parti mir-Regjun tax-Xlokk ghal taghlim kif wiehed juza mobie SMART phones u tablets. Dan it-taghlim ser isir mit-TCTC u hu ppjanat li jsir fil-lokalitajiet kollha li jaqghu taht ir-Regjun tax-Xlokk Il-Kunsillier Attard informa lill-Kunsill li dan is-sugget gie diskuss waqt il-laqgha tar-Regjun Xlokk. It-TCTC qeghdin jitolbu €300 minn kull lokalita' ghal dan it-taghlim ikun kemm ikun in-numru ta' studenti.

4.23 Korrispondenza minghand il-Kummissarju ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, is-Sur Emanuel Buhagiar, fejn qieghed jinforma lill-Kunsill li minhabba diversi ragunijiet ma huwiex possibbli li l-Kummisarjat tieghu imur jokkupa parti mill-binja ta' Couvre Porte. - Is-Sindku ha spunt minn dan is-suggett fejn informa lill-Kunsill rigward il-problema ghaz-zamma xierqa tal-arkivji. Is-Sindku ppropona li l-kamra li fil-passat kienet tintuza mis-Seg. Ezekuttiv f'Couvre Porte tigi utilizzata ghall-arkivji. Il-Kunsilliera Attard u Gellel ssugerexxew il-kamra li tinsab fis-sular ta' fuq nett tal-Berga ta' Franza. Is-Sindku infurmhom li din ser tkun

utilizzata mod iehor. Intant, wara li gie diskuss dan is-suggett, intlahaq qbil unanimu li l-arkivji tal-Kunsill jitpoggew f'Couvre Porte.

5. Ir-Referendum dwar il-Bini mill-Gdid tat-Torri tal-Arlogg

5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xi zmien ilu kellu laqgha mac-Chief Electoral Commissioner fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie mwieghed l-ghajnuna minn naha tal-Kummissjoni Elettorali. Intant, is-Sindku talab ghal darba l-approvazzjoni mill-bqija tal-membri prezenti tal-Kunsill ghar-referendum ghal bini tat-torri tal-arlogg, liema approvazzjoni, giet moghtija b'mod unanimu. Is-Sindku ppropona wkoll li l-Kunsill jitlob il-parir tal-Kummssjoni Elettorali sabiex jara jekk l-istess kunsill ghadux fil-hin propizju li r-referendum isir f'Marzu, 2016. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proposta tas-Sindku.

6. Informazzjoni dwar il-Konferenza tal-Progett WELCOME

6.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall, informa ill-Kunsill li l-lead partners ta' dan il-progett gejjin Malta f'Marzu, 2016 sabiex jaraw il-preparamenti li qeghdin isiru mill-Kunsill ghall-konferenza li ser tittella' f'Mejju 2016 gewwa Malta u li ser jattendu bejn 50 u 60 delegat. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-laqghat li jsiru Malta ser jkunu mal-ispeaker tal-Kamra tad-Deputati gewwa l-Parlament ta' Malta, gewwa Forti Sant Anglu, u l-Palazz Vilhena gewwa l-Imdina. L-infopack ser jigi moghti mill-MTA u l-Kunsill li ser jiehu hsieb il-basktijiet u l-jotters.

7. Harga Kulturali Organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Birgu

7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser tigi organizzata harga kulturali ghar-residenti nhar l-Erbgha 24 ta' Frar, 2016 gewwa l-Limestone Heritage.

8. Post ulterjuri ghall-Arikvji tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

8.1 Dan is-suggett diga' gie diskuss u mminutat aktar il-fuq f'dawn il-minuti.

9. Performance Bonus Appraisal tal-Impjegati tal-Kunsill ghas-Sena 2015

9.1 Is-Sindku, is-Sur John Boxall, pprezenta ghal approvazzjoni tal-Kunsill, l-*appraisal* tal-haddiema klerikali ppreparati mis-Segretarja Ezekuttiva, s-Sjra Tania Belfiore, sabiex fuqhom, jigi approvat il-*performance bonus* taghhom. Wara diskussjoni dwar l-operat tal-impjegati tal-Kunsill, is-Sindku, s-Sur John Boxall ippropona li l-performance Bonus jinghata kif imnizzel hawn taht:

- Is-Sinjura Moira Azzopardi tinghata 4.5%
- Is-Sinjura Lara Mascena tinghata 6%
- Is-Sinjorina Lindsay Aquilina tinghata 4%
- Is-Sinjura Ethel Zammit tinghata 4%
- Is-Sinjorina Mireille Tanti tinghata 4.5%

Il-Kunsill approva unanimament il-proposta tas-Sindku s-Sur John Boxall rigward il-performance Bonus tal-impjegati ghas-sena 2015.

9.2 Is-Sindku, is-Sur John Boxall ipprezenta wkoll ghall-approvazzjoni tal-Kunsill, l-*appraisal* tas-Segretarju Ezekuttiv, s-Sjra Tania Belfiore, Wara diskussjoni mal-bqija tal-membri tal-Kunsill. Inizjalment, is-Sindku, is-Sur John Boxall ippropona li s-Seg. Ezekuttiv tinghata 8.0%, pero' wara li dan is-suggett gie diskuss madwar il-mejda tal-Kunsill mill-membri kollha prezenti, ittiehdet decizjoni unanima li s-Sinjura Tania Belfiore ghandha tinghata 8.5% bhala l-performance Bonus ghas-sena 2015.

10. Skeda ta' Pagamenti

10.1 Is- Sindku, is-Sur John Boxall, ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, HSBC 9542- 9549544, BOV 2830-2845 u BANIF 489596,489599,489600, 489631 -489639. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 19 ta' Jannar, 2016 – 9 ta' Frar, 2016.

*Il-Laqgħa 13(07) tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ntemmet fid-9:00pm (disgħa ta' filgħaxija).*

T. Belfiore

Tania Belfiore
Segretarju Eżekuttiv

John Boxall
Sindku

*Approvati llum* 8 ta' Marzu, 2016